MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 75/2002/1

**Sandro u Josianne konjugi Spiteri**

**vs**

**Michael Zarb ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Petrolea Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fil-25 ta` Jannar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

L-attrici kienet impjegata mas-socjeta` konvenuta ghal perjodu ta` tlett (3) snin fil-hanut tal-istess socjeta` bl-isem Petrolea fi Triq il-Merkanti, Valletta; u

Fil-perjodu minn Dicembru 1999 sa Ottubru 2000 l-istess attrici, flimkien ma` terzi persuni, b`azzjoni illecita hadet

oggetti konsistenti f`merkanzija u flus proprjeta` tal-istess socjeta` konvenuta fl-ammont kumplessiv ta` elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300); u

Sussegwentement u per konsegwenza tal-agir tal-attrici u ta` terzi persuni, saret investigazzjoni minn Ufficjali tal-Pulizija tal-Ghassa tal-Belt; u

B`segwitu tal-istess investigazzjoni l-attrici giet akkumpanjatha fl-Ghassa tal-Belt, fejn giet interrogata mill-Ispettur li kien qed jinvestiga l-kaz dwar is-serq ta` oggetti u markanzija mill-hanut Petrolea fi Triq il-Merkanti, Valletta u dwar xi flus appartenenti lill-istess socjeta` konvenuta li naqsu mill-istess fond; u

L-attrici giet informata waqt dan l-interrogatorju illi minn *stock take* li sar fil-hanut bl-isem Petrolea, Valletta, kienet naqset merkanzija fil-valur ta` hamsa u tletin elf lira Maltin (Lm35,000) liema figura tnaqqset ghal hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) mill-Ispettur Mario Tonna, u li tnaqqset ulterjorment ghal hmistax il-elf lira Maltin (Lm15,000) bl-interessi jew tmintax elf lira Maltin (Lm18,000) minghajr interessi, liema diskors u ftehim sar mill-imsemmi Spettur fil-prezenza tal-konvenut u bintu Beatrice Zarb; u

L-attrici, fil-prezenza ta` zewgha l-attur, giet mhedda mill-Ispettur li kien qed jinvestiga l-kaz illi fin-nuqqas li thallas din is-somma ta` tmintax il-elf lira Maltin (Lm18,000), kienet ser tigi mressqa l-Qorti l-ghada filghodu akkuzata b`serq; u

L-attrici bezghat u accettat li thallas dan l-ammont sabiex ma tigix soggetta ghall-proceduri kriminali, u fil-fatt ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta iddikjara bil-miktub illi ma kienx ser jinsisti illi jkomplu l-proceduri kriminali fil-konfront tal-attrici; u

Taht *duress* psikologiku l-attrici flimkien ma` zewgha iffirmaw att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Ivan Barbara datat 28 ta` Mejju, 2001, li permezz tieghu l-atturi, flimkien u solidalment bejniethom, iddikjaraw ruhhom veri, certi u

likwidi debituri a favur tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta` tmintax il-elf lira Maltin (Lm18,000); u

L-attrici hallset seba` (7) skadenzi mensili ta` mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) il-wahda rapprezentanti l-ammont u imghaxijiet legali li kienu effettivament dovuti mill-attrici lis-socjeta` konvenuta u ghalhekk id-debitu huwa ezawrit; u

Ghalhekk l-imsemmi kuntratt li permezz tieghu l-atturi ikkostitwew ruhhom debituri favur is-socjeta` konvenuta huwa null u bla effett stante illi l-kunsens tal-atturi kien vizzjat peress li gie mehud bi vjolenza psikologika;

Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Ivan Barbara datat 28 ta` Mejju, 2001 huwa vizzjat stante illi l-kunsens taz-zewg atturi gie mehud bi vjolenza, u dan ghar-ragunijiet premessi.

2. Konsegwentement tiddikjara null u bla effett il-kuntratt imsemmi.

3. Konsegwentement tordna illi jigi xjolt u risolut il-ftehim riportat fl-att pubbliku, u ghaldaqstant tiddikjara illi l-atturi ma humiex debituri tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta` tmintax il-elf lira Maltin (Lm18,000).

4. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att opportun tar-rizoluzzjoni fil-hin u post li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa u tinnomina kuraturi sabiex jirriprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenut li in forza taghha eccepiet illi:

(1) Il-kawzali tac-citazzjoni ma jammontawx ghal dak li hemm previst fl-Artiklu 970(1) tal-Kodici Civili peress illi mhux allegat li setgha kien hemm anki ex ipotesi vjolenza li tahdem fuq persuna ragonevoli u ggelgha tibza li hija nfisha jew hwejjiegha jistghu jigu mqeghda ghal xejn b`xejn f`periklu ta` hsara kbira u dan stante illi mill-istess kawzali mhux qed jigi allegat l-ebda periklu ta` hsara kbira u lanqas ma hu qed jigi allegat xi hsara fuq il-persuna jew fuq hwejjigha u li dan kien qed isir *“ghal xejn b`xejn”*.

(2) Il-fatti allegati bhala kawzali fic-citazzjoni ma jammontawx ghal vjolenza stante illi *ex admissis* jirrizulta illi l-istess attrici kienet ikkommettiet reat li kien passibli kemm ghal azzjoni kriminali u kemm ghall-pieni previsti mill-ligi.

(3) It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-atturi t-tnejn kienu konsapevoli ta` dak li qed jigri, l-ammonti kienu sostanzjali u anki l-attur kien qed juzufruixxi u jibbenefika mill-agir illegali ta` martu peress illi l-provenjenti kienu qed jidhlu fil-komunjoni tal-akkwisti u jarrikkuhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

F`din il-kawza, l-attrici Josianne Spiteri kienet impjegata bhala *sales girl* fil-hanut ta` Petrolea fi strada Merkanti, l-Belt, liema hanut huwa proprjeta` tas-socjeta` konvenuta. Kien hemm zmien meta l-kumpanija konvenuta bdiet tinduna li qed ikollha *shortfall* fid-dhul taghha, u susspettat

li s-*sales girls* kienu qed jimissapproprijaw flus tal-kumpanija. Is-suspett waqa` fuq zewg *sales girls* li kienu Pauline Borg u l-attrici Josianne Spiteri. Michael Zarb, ghan-nom tal-kumpanija konvenuta, ghamel rapport lill-Pulizija, pero`, ma riedx li l-Pulizija tibda tinvestiga mill-ewwel, ghax ried ikompli bl-investigazzjoni interna sabiex ikollu izjed provi. Wara xi sitt xhur, Michael Zarb rega avvicina l-Pulizija, u spjega li wara li ghamel l-investigazzjonijiet tieghu, sab li Pauline Borg kienet responsabbli ghal xi nuqqas ta` xi Lm10, u li kien issospendiha bhala rizultat, waqt li l-attrici Josianne Spiteri kienet hatja ta` misapproprijazzjoni ta` eluf kbar, madwar Lm35,000, u ghalhekk ressaq kwerela ufficcjali biex il-Pulizija tipprocedi kontra l-attrici.

L-ispettur Mario Tonna, li dak iz-zmien kien stazjonat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt, beda jinvestiga l-kaz u wara li ha l-informazzjoni mehtiega minghand Michael Zarb, interroga lill-attrici, wara li ghamel *search* fir-residenza taghha gewwa Marsascala. Mill-informazzjoni li kellu l-ispettur Tonna, Michael Zarb kien ghamel investigazzjoni interna billi qabbel is-*sales chits* u *cash register takings* mal-*istock* u mal-hinijiet li fihom kienet xoghol l-attrici; saret investigazzjoni wkoll tal-*gift vouchers* u l-*credit notes*, u instab mhux biss hafna diskrepanzi, izda wkoll li hafna *deliveries* abbinati mal-*gift vouchers* kienu jsiru fl-indirizz ta` hbieb u familjari tal-attrici. Kien jirrizulta wkoll li l-attrici kienet adottat *life-style* mhux konsistenti mal-paga taghha. Fid-dar tas-Sinjuri Spiteri, l-Ispettur kien eleva diversi oggetti tad-ditta Petrolea Ltd, li Michael Zarb kien identifika bhala *unaccounted for*.

Meta s-Sinjuri Spiteri kienu rinfaccjati b`din l-evidenza, kien jidher, skond l-Ispettur Tonna, li kienu inkwetati hafna. L-attrici anke infaqet tibki u zewgha, li kien jahdem fic-Central Bank, beda jinkwieta u ghamel enfasi kemm-il darba li, biex ma jitlifx hobzu, jaqbel li l-kwistjoni tigi rrangata. Dan id-diskors intqal fid-dawl ta` dak li beda jghidilhom l-Ispettur Tonna, li fil-kuntest tal-kwerela u l-evidenza li ressaq Michael Zarb, s-Sinjura Spiteri kienet se tigi arrestata u imressqa quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati u dan sakemm ma tasalx f`xi ftehim mas-Sur

Zarb li jwasslu jirtira l-kwerela. Is-*search* u l-interrogazzjoni lill-attrici saret fis-27 ta` Mejju, 2001.

Waqt li l-Ispettur kien qed jinterroga lill-attrici fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt, l-Ispettur kien baghat ukoll ghal Michael Zarb li gie l-Ghassa flimkien mal-accountant tieghu. Hemmhekk, saru diversi diskussjonijiet, anke bejn iz-zewg partijiet wahedhom, u eventwalment sar qbil fuq is-somma ta` Lm18,000, li l-attrici obbligat ruha li tirristitwixxi; dak il-hin, fl-Ghassa tal-Pulizija, il-partijiet hejjew *statement*, fejn l-attrici u zewgha obbligaw ruhhom li jirristitwixxu s-somma ta` Lm18,000 lid-ditta Petrolea Ltd. L-ghada, t-28 ta` Mejju, 2001, din id-dikjarazzjoni giet inkorporata f`kuntratt pubbliku iffirmat quddiem in-Nutar Ivan Barbara, fejn l-atturi obbligaw ruhhom li jirrestitwixxu s-somma ta` Lm18,000 b`pagamenti mensili ta` Lm250 il-wahda. Fid-dawl ta` dan l-arrangament, l-oggetti li kienu gew sekwestrati mid-dar tal-attrici, gew ritornati lilha, fil-waqt li meta l-Ispettur ircieva kopja tal-kuntratt li kienu iffirmaw il-partijiet, huwa qies il-kaz maghluq u arkivja l-file.

Wara l-iffirmar tal-kuntratt, l-attrici ghamlet seba` hlasijiet ta` Lm250 il-wahda, u wara li qieset li dak li halset kellu jitqies bizzejjed, fethet dawn il-proceduri fejn qed titlob it-thassir tal-kuntratt datat 28 ta’ Mejju, 2001, fuq il-bazi li dak il-kuntratt huwa vizzjat stante li l-kunsens taghhom kien vizzjat minhabba vjolenza psikologika.

Il-Qorti tinnota, bhala l-ewwel osservazzjoni, li fil-waqt li l-atturi qed jitlob t-thassir tal-kuntratt tat-28 ta` Mejju, 2001, ma humiex qed jitolbu t-thassir jew revoka tad-dikjarazzjoni li huma iffirmaw quddiem l-Ispettur Tonna, fejn ukoll iddikjaraw ruhhom debituri ghas-somma ta` Lm18,000. Il-pozizzjoni li hadu l-atturi tista` twassal ghall-anomalija fis-sens li, anke jekk jirnexxu f`din il-kawza, xorta wahda jibqghu marbuta li jhallsu l-bilanc ta` Lm18,000 a tenur tal-iskrittura tas-27 ta` Mejju, 2001.

Ghar-rigward tal-vjolenza bhala vizzju tal-kunsens, il-gurista <u>Giorgi</u> fit-trattat <u>“Teoria Delle Obbligazioni”</u> (Vol.IV para. 77) jghid li *“tre sono le condizioni indispensabili,*

*perche` la violenza assuma il carattere di vizio del consenso, e renda invalido un contratto. Deve essere 1° causa determinante del contratto medesimo, 2° deve essere ingiusto, 3° deve essere grave”*. Dawn l-elementi huma wkoll accettati mill-Qrati taghna.

L-attrici tghid li l-kuntratt huwa vizjat peress li hi *“bezghet u accettat li thallas dan l-ammont sabiex ma tigix soggetta ghall-proceduri kriminali”*, pero`, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza “Huber vs Gasan”, deciza fil-31 ta` Marzu, 1932, *“la minaccia di venire alle vie legale non vizia per se stessa il consenso dato sotto la pressione di queste minaccia”*. Dan inghad peress li tali *“minaccia”* ma tigix meqjusa bhala wahda ingusta.

Hekk ukoll, din il-Qorti fil-kawza “Borg vs Dolphin Supermarkets Ltd”, deciza fit-13 ta` Gunju, 2003, osservat li l-fatt li l-attur gie mwissi li jekk ma jammettix li kien hu li ha l-flus, isir rapport lill-Pulizija, u nqala storbju waqt il-laqgha, izda minghajr theddid fiziku, ma jfissirx li l-iskrittura tista tigi mwarba. Anke f`dan il-kaz, ma jirrizultax li kien hemm xi theddid fiziku, izda twissija li jekk ma jsirx ftehim, l-attrici titressaq il-Qorti Kriminali. Ma hemm xejn ingust f`din it-twissija, izda l-Ispettur kien semplicement qed jaghmilha cara li peress li kienet dahlet kwerela formali mid-ditta Petrolea Ltd, huwa kellu jressaq il-kaz ghal gudizzju tal-Qorti jekk l-istess ma tigix irtirata, u Michael Zarb, ghad-ditta Petrolea Ltd, kien ghamilha cara li hu jirtira l-kwerela biss jekk issir arrangament. Is-Sur Zarb kellu kull dritt iressaq kwerela kontra l-attrici, u l-Ispettur, meta ra l-evidenza li ressaqlu s-Sur Zarb, *was within his rights* li jressaq lill-attrici quddiem il-Qorti Kriminali, u kwindi dak li kienu qed jaghmlu kien biss ezercizzju legittimu ta` dak li tipprovdi l-ligi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Eurobridge Shipping Services Ltd vs Scicluna”, deciza fit-30 ta` April, 2001, sabiex vjolenza thassar il-kunsens, it-theddid jew pressjoni li ssir fuq persuna ohra ma jridx jikkonsisti f`semplici esercizzju ta` dritt.

Barra minn dan, ghalkemm l-istqarrija ta` ammissjoni ta` dejn giet iffirmata mill-attrici fl-Ghassa tal-Pulizija, l-

kuntratt pubbliku gie iffirmat l-ghada, u kwindi ma jirrizultax lanqas li hi ma kellhiex zmien u hsieb biex tirresisti ghas-suppost *"theddid"* li kien qed isirilha, u dana billi tiehu l-passi opportuni u tikawtela tal-interessi taghha. Il-fatt ukoll li, wara l-iffirmar tal-kuntratt, hija halset r-rati mensili kif stipulat fil-kuntratt, u dan ghal seba` xhur shah, jindika li hi kienet irrikonoxxiet l-obbligazzjonijiet taghha taht il-kuntratt. Dan iwassal, f`kull kaz, ghar-ratifika tal-kuntratt peress li l-attrici kienet sa mill-bidu nett a konoxenza tas-suppost *"theddid"* propogat kontra taghha (ara artikolu 1228 tal-Kodici Civili).

L-allegazzjonijiet tal-atturi li s-socjeta` Petrolea Ltd tefghet fuqhom il-piz ta` misapproprijazzjoni kommess minn Pauline Borg, mhux biss ma gewx sostanzjat u pruvat, izda huma wkoll irrilevanti ghal mertu ta` din il-kawza li titratta biss l-ezistenza o meno ta` vjolenza pratikkata fuq l-attrici biex tiffirma l-kuntratt tat-28 ta` Mejju, 2001. Mhux *in issue* l-provenjenza tad-debitu iskritt fil-kuntratt. Dan qed jinghad minghajr pregjudizzju ghal fatt li, kif inghad, ma saret ebda prova konkludenti li l-attrici giet mitluba thallas ghal affarijiet li ma hadetx hi. Michael Zarb, ghas-socjeta` konvenuta, kien car meta spjega l-investigazzjonijiet tieghu u kif dawn wasluh jikkonkludi li kienet l-attrici responsabbli ghan-nuqqasijiet riskontrati.

Ghal-qbija din il-Qorti hija konvinta li l-atturi kienu jafu x`inhuma jaghmlu dak inhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Camilleri vs Vella", deciza fid-9 ta` Gunju, 2003, l-fatt li kontrent hi mara anzjana u tbati minn stat ta` ansjeta u titubanza, ma jfissirx necessarjament li dik il-kontraenti ma kienetx taf x`inhi taghmel meta iffirmat il-kuntratt. Il-gudikant ghandu jevalwa l-provi u jara, fic-cirkustanzi, jekk il-kuntratt kienx affett minn vjolenza, u jekk jirrizulta li l-volonta` tal-kontraent baqghet konxja u libera tagixxi, il-kuntratt ma ghandux jithassar. F`dan il-kaz, il-volonta` tal-atturi li jiffirmaw jew ma jiffirmawx il-kuntratt baqghet libera, u dan ghax setghu facilment jghazlu li ma jiffirmawx u jiddefendu l-innocenza taghhom quddiem il-Qrati tal-Gustizzja. Li m`ghazlux li jghaddu minn dan il-process, hija ghazla li huma ghamlu bil-libera volonta` taghhom.

Fil-fatt, anke n-Nutar li ppubblikat l-att, xehed illi ma kienx jidher li l-atturi kienu taht pressjoni jew urew xi rillutanza biex jiffirmaw il-kuntratt. In-Nutar qralhom il-kuntratt, staqsiehom jekk fehmux kollox u jekk riedux jiffirmawh, u wara li irrispondew li kollox kien sew, huma iffirmaw il-kuntratt. Fil-fatt, kienu l-istess atturi li taw lin-Nutar id-dettalji tal-propjeta` taghhom li fuqha kellha tigi registrata ipoteka specjali, u in-Nutar setgha jipprocedi ghal-pubblikazzjoni tal-kuntratt b`mod normali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------